MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Numru. 34/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Steven Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Steven Micallef**, ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Philip u Mary-Anne neé Zammit, imwieled H'Attard fl-4 ta' Settembru 1977 u residenti 16, Triq il-Pwales, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 507577(M), akkuzat talli fil-11 ta' Lulju 2012 fi Triq Sant Anton, H'Attard:

1. volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fuq il-vettura EAF 512 ta' ghamla Suzuki Swift ghad-detriment ta' Michelle Zerafa, liema hsara ma

tiskorrix elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) pero hija aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47);
2. agixxa ta' xufier meta ma kellux permess ta' xufier *ai termini* ta' Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. saq vettura bil-mutur tal-ghamla Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni EBN 879 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

4. sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 17).

Semghet lill-parti leza Michelle Zerafa tixhed fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat fis-sens li kien thallset tal-hsarat kagunati mill-imputat u semghetha wkoll tiddikjara li ma kellhiex aktar interess f'dawn il-proceduri kontra l-imputat.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li minkejja li mhijiex wahda nadifa mhijiex wahda refrattarja), l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri u kif ukoll il-fatt li l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsarat kagunati minnu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu bzonn min jidderigieh f'hajtu u b'hekk ser taghtih cans jirriforma hajtu u tinformah li f'kaz li ma jiehux dan ic-cans ikun hemm konsegwenzi serji.

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, wara li rat Artikoli 49, 50 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 17 tal-Legislazzjoni Sussidarja 499.56 u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Steven Micallef taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Steven Micallef bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Steven Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------